# Il-prattika tas-sħubija fil-livell primarju
# IX-XOGĦOL GĦAD-DAR

*Carmel Borg*

Sikwit nisimgħu b'konflitti bejn edukaturi u ġenituri rigward il-kwantità u l-kwalità tax-xogħol għad-dar li qed jingħata lit-tfal. Dan l-artiklu għandu l-għan li juri kif b'aktar komunikazzjoni bejn il-partijiet konċernati, ix-xogħol għad-dar għandu jsaħħah u mhux ixekkel il-proġett ta' parteċipazzjoni u sħubija fil-livell primarju.

**"Ix-xogħol għad-dar għandu jsaħħah u mhux ixekkel il-proġett ta' parteċipazzjoni u sħubija fil-livell primarju"**

## Politika ċara dwar ix-xogħol għad-dar

In-nuqqas ta' informazzjoni dwar aspetti differenti tal-ġurnata edukattiva tat-tfal ħafna drabi twassal biex il-ġenituri jimlew dan il-vojt b'suspetti, tqabbil bejn klassijiet u għalliema differenti, u tgergir. Politika ċara dwar ix-xogħol għad-dar tista' tnaqqas ħafna minn dan l-inkwiet. Barra minn hekk, il-politika dwar ix-xogħol għad-dar għandha l-għan importanti li tippreċiża d-dmirijiet ta' l-imsieħba f'dan il-qasam kruċjali tal-proċess edukattiv.

Min hu midħla tas-snin primarji jaf li r-realtajiet tal-gradi u l-klassijiet f'kull grad tal-livell primarju huma differenti. Għalhekk, filwaqt li l-amministraturi għandhom ifasslu linji gwida għall-iskola, kull klassi, f'kull sena, għandu jkollha l-politika partikulari tagħha.

Bħalma jiġri f'kuntratti oħrajn, irid ikun hemm perjodu ta' informazzjoni u neguzjar bejn il-partijiet konċernati. Għalhekk, il-politika miktuba mill-għalliem/a għandha tintbagħat lill-ġenituri. Id-deċiżjonijiet dwar il-kontenut tad-dokument finali għandhom jittieħdu waqt laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-klassi.

Id-dokument għandu jiġi ffirmat mill-ġenituri, għalliema, u fil-każ ta' l-aħħar żewġ gradi, mill-istudenti. Il-firma torbot lil kull parti b'responsabilitajiet partikulari. It-twettiq ta' dawn ir-responsabbiltajiet għandu jiggarantixxi livell għoli ta' xogħol għad-dar u sorveljanza xierqa.

Politika tajba dwar ix-xogħol għad-dar għandha tibda b'taqsima li tispjega l-għanijiet ta' dan it-tip ta' xogħol.

Din it-taqsima toffri opportunità tajba lil min jiktibha biex j/tispjega l-kwalitajiet differenti ta' xogħol għad-dar, u l-għanijiet partikulari ta' kull kwalità ta' xogħol. Permezz ta' din it-taqsima, il-ġenituri għandhom jifhmu li l-kwantità u r-ripetizzjoni m'humiex neċessarjament l-aħjar ingredjenti li għandhom ifittxu fix-xogħol li uliedhom iġibu magħhom id-dar.

Taqsima oħra tal-kuntratt għandha tiddetermina l-ammont ta' xogħol għad-dar li għandu jingħata matul il-ġimgħa. Din it-taqsima għandha tirrifletti l-ftehim bejn l-għalliem/a u l-ġenituri dwar in-numru ta' jiem li fihom it-tfal għandhom imorru lura d-dar bix-xogħol, u dwar l-ammont ta' ħin li t-tfal għandhom iqattgħu fl-attività msemmija.

F'taqsima oħra, il-kuntratt għandu jispeċifika x'inhuma r-responsabbilitajiet ta' l-ulied. Din it-taqsima torbot lill-istudenti b'responsabbilitajiet bħal:

- li jispiċċaw ix-xogħol fil-ħin;
- li jagħmlu ħilithom kollha biex jirritornaw xogħol tajjeb u pulit; u
- li jirkupraw dak ix-xogħol li, għal diversi raġunijiet, bħal mard, ma jkunx sar.

Taqsima oħra għandha titratta d-dmirijiet ta' l-għalliema. Fost ħwejjeġ oħra, l-għalliema għandhom jintrabtu li:

- jagħtu x-xogħol fil-ġranet miftehma
- jagħtu l-kwantità ta' xogħol stipulat mill-kuntratt
- jaraw ix-xogħol immedjatament
- jikkoreġu x-xogħol kollu li jagħtu
- iżommu nota tax-xogħol li ma sarx
- jagħtu xogħol varjat
- jinfurmaw lill-ġenituri b'xogħol li ma sarx jew li qed isir ħażin
- jinnutaw u jfaħħru xogħol tajjeb

Fil-kuntratt għandu jkun hemm taqsima oħra li titratta każijiet fejn it-tfal imorru l-iskola mingħajr ix-xogħol jew bix-xogħol mhux komplut. Din il-parti tal-kuntratt, fost ħwejjeġ oħra, tista' tobbliga lill-ġenituri li jiffirmaw ix-xogħol kollu li jingħata għad-dar.



CARMEL BORG Ph.D (Toronto), is lecturer in Curriculum Studies at the Faculty of Education. His academic interests range from critical pedagogy to forms of curriculum inquiry and development. Dr. Borg is a member of the steering committee responsible for piloting the second and major phase of the NMC review. He is also General Secretary of the Association of School Councils.



Ikompli fil-paġna 7

# Il-prattika tas-sħubija fil-livell primarju: Ix-xogħol għad-dar

Ikompli mill-paġna 5

M'hemmx dubju li l-ġenituri huma strumentali fi proġett bħal dan. Għalhekk, il-kuntratt għandu jintemm b'taqsima li tispeċifika d-dmirijiet tagħhom. L-għalliema għandhom mill-anqas jistennew li l-ġenituri:

- jagħtu importanza lil din l-attività
- joħolqu ambjent fejn it-tfal ikunu jistgħu jaħdmu mingħajr xkiel
- ma jittollerawx traskuraġni minn uliedhom
- javviċinaw lill-għalliem/a b'diffikultajiet jew mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol għad-dar, u
- jagħtu l-għajnuna kollha meħtieġa lil uliedhom mingħajr ma jagħmlulhom xogħolhom.

## Għajnuna lill-Ġenituri

Waqt il-laqgħa msejħa biex tiddetermina l-verżjoni finali tal-kuntratt, l-għalliema jistgħu jieħdu l-okkażżjoni biex jiddiskutu kif il-ġenituri jistgħu jgħinu lil uliedhom fix-xogħol għad-dar. F'diskussjoni bħal din, l-elementi li għandhom jispikkaw huma:

- l-importanza ta' ambjent kwiet u imdawwal sew, u bl-għodda ta' l-istudju fil-viċin;
- l-importanza ta' ambjent kalm u ħieles minn wisq aljenazzjonijiet;
- l-importanza ta' rutina u ħin fiss għax-xogħol għad-dar;
- l-importanza ta' l-iżvilupp ta' mentalita indipendenti u ta' l-auto-dixxiplina permezz tax-xogħol għad-dar
- l-importanza ta' ambjent li jinkoraġġixxi b'kull mod lill-ulied.

L-iskola wkoll tista' tgħin lill-ġenituri permezz ta' serje ta' *info sheets* li jitrattaw aspetti differenti tax-xogħol għad-dar. Dawn l-*info sheets* jistgħu jitrattaw temi bħal: tfal li m'humiex qegħdin jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex jagħtu l-aħjar xogħol possibbli; tfal li ma jridux jagħmlu x-xogħol; tfal li sikwit ma jġibux ix-xogħol id-dar; tfal li jdumu biex jagħmlu xogħolhom; tfal li jridu lil xi ħadd magħhom biex jagħmlu x-xogħol; u tfal li jħallu għall-aħħar biex ilestu xogħolhom.

**"Xogħol għad-dar li jinvolvi l-familja kollha huwa mezz ieħor biex jisaħħaħ il-pont bejn dar u skola"**





**Politika ċara dwar ix-xogħol għad-dar tista' tnaqqas ħafna mill-inkwiet**

## Insaħħu dak li jgħaqqadna

Ix-xogħol għad-dar joffri opportunita ideali biex ir-relazzjoni bejn dar u skola tissaħħaħ. Permezz ta' informazzjoni kontinwa, l-għalliema u l-ġenituri jistgħu jantiċipaw problemi li ħafna drabi wieħed jinduna bihom mix-xogħol għad-dar.

Il-*memo line* huwa mezz tajjeb biex id-djalogu mibni fuq ix-xogħol għad-dar jitkattar matul is-sena skolastika. Il-*memo line* tikkonsisti f'karta maqsuma fi tnejn, bil-parti ta' fuq allokata għall-għalliem/a u dik t'isfel għall-ġenituri. Permezz tal-*memo line*, dik il-parti li tkun staqsiet għal kjarifikazzjoni jew talbet għall-għajnuna ser ikollha tweġiba garantita mill-parti l-oħra. Huwa importanti li l-ġenituri wkoll ikollhom minn dawn il-*memo lines*. Importanti wkoll li ż-żewġ partijiet iżommu t-tweġibiet li jirċievu. B'hekk tiddaħħal l-idea ta' parteċipazzjoni kumulattiva.

Xogħol għad-dar li jinvolvi lill-familja kollha huwa mezz ieħor biex jisaħħaħ il-pont bejn dar u skola. Diskussjoni marbuta ma' programm televiżiv, jew ħarġa f'post indikat mill-għalliem, fejn il-familja trid taħdem *resource sheet*, jew intervista ma' xi membru anzjan tal-familja, huma biss tliet ideat ta' kif l-għalliema jistgħu jqarrbu lill-familja lejn ix-xogħol għad-dar ta' wliedhom.

## L-għalliema u x-xogħol għad-dar

L-għalliema huma l-kontrolluri tal-kwalita tax-xogħol li jingħata għad-dar. Dawk li jagħtu xogħol ta' kwalità ġeneralment

- jevitaw li jagħtu xogħol b'mod spontanju. Għalhekk, jippjanaw ix-xogħol minn qabel;
- għax jippjanaw, dejjem ikun hemm għanijiet ċari għalfejn qed jagħtu ix-xogħol;
- għax dejjem ser ikun hemm għanijiet, ix-xogħol għad-dar dejjem se jifforma parti minn proġett li qed jiżvolġi fil-klassi; u
- għax proġett tematiku jitlob it-tħaddim tal-poter kreattiv, dawn l-għalliema jagħtu xogħol varjat u jħallu d-drill għall-armata!